IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**

**MINUTI tal-Laqgħa A 41**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija Itaqa' nhar**
**It-Tnejn 19 ta' Mejju 2014 fil-4.45 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

*

Data u ħin

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sna Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Joan Ann Farrugia Galea | Membru |
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru |

Il-laqgħa bdiet fil-5.00 pm

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A40**

1.01 Iċ-Ċerpersin Paul Grech ippropona li l-minuti tas-seduta A40 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Baħrija jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur Paul Galea. Il-minuti ġew approvati.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A40

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti A40**

Punti li joħorġu mill-Minuti A40

2.01 4.01.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li saret applikazzjoni ma' Transport Malta sabiex jinħareġ permess għaż-żebra crossings.

Applikazzjoni għal *zebra crossings* fiċ-ċentru tal-Baħrija

2.01 4.01.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li saret applikazzjoni ma' Transport Malta sabiex titwaħħal speed camera fi Triq is-Sajf ta' San Martin.

Applikazzjoni għal Speed Camera

**3.00 Kommunikazzjoni mill-membri**

3.01 Is-Sur George Attard staqsa għalfejn tneħħew xi *bring-in-sites* mill-Baħrija.

Tneħħija ta' bring-in-sites

KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet illi sar kuntratt ġdid mal-kumpanija illi tiġbor l-iskart riċiklabbli peress li l-kuntratt kien skada. Fil-kuntratt il-ġdid kellhom jitnaqqsu numru ta' *bring-in-sites* u l-Kunsill l-ewwel li naqqas kienu dawk il-*bring-in-sites* li kienu qed jiġu abbużati. Dawn ma tnaqqsux fil-Baħrija biss iżda tnaqqsu wkoll miż-żona tar-Rabat u miż-żona tal-Virtù.

3.02 Is-Sur George Attard talab sabiex nerġgħu niktbu lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex nerġgħu niġbdulhom l-attenzjoni dwar wajer tad-dawl li jinsab imdendel fi Triq il-Lewż k/m Triq il-Kappella l-Qadima. Dan il-wajer jista' jkun ta' periklu peress illi jinsab imdendel u mhuwiex marbut sew. Wajer perikoluż fi Triq il-Lewż k/m Triq il-Kappella l-Qadima.

3.03 Is-Sur Paul Galea staqsa dwar is-sistema tat-twaħħil tal-bozoz. Twaħħil ta' bozoz ġodda

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu illi hemm *waiting list* u li l-bozoz qed jitwaħħlu skont kif ġew approvati.

3.04 Is-Sur Paul Grech ippropona li jsir qtugħ ta' ħaxix fit-triq prinċipali tal-Baħrija. Qtugħ ta' ħaxix

Is-Sur Paul Galea ppropona li l-qtugħ tal-ħaxix jibda minn tas-Sirena 'l barra, sal-Fiddien. Il-kumitat qabel.

**4.00 Affarijiet Oħra**

4.01 Ma kien hemm xejn aktar x'jiġi diskuss.

**5.00 Data tas-seduta li jmiss**

5.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tnejn 26 ta' Mejju 2014 fil-4.45 pm Aġġornament

5.02 Il-laqgħa ntemmet fil-5.30 pm

Paul Grech

**Paul Grech**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**